

Brussell, 10 ta' Jannar 2022
(OR. en)

15007/1/21
REV 1
PV CONS 52

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
14 ta' Diċembru 2021

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	3
	Lista mhux leġiżlattiva	

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3.	Konklużjonijiet dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni	3
4.	Thejjiġa tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021: Konklużjonijiet.....	3
5.	Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.....	3
6.	L-Istat tad-Dritt fil-Polonja/l-Artikolu 7(1) TUE - proposta motivata	3
7.	Il-valuri tal-Unjoni fl-Ungerija/l-Artikolu 7(1) TUE - proposta motivata	3
8.	Rapport mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali: Antisemitiżmu: ħarsa ġenerali lejn l-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-Unjoni Ewropea bejn l-2010 u l-2020.....	3
9.	Semestru Ewropew 2022 - Pjan direzzjonali.....	3
10.	Programmazzjoni Leġiżlattiva: Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2022	4
11.	Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2022 - 30 ta' Ġunju 2023).....	4
12.	Affarijiet oħra	4
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	5

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument **14879/21**.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

14880/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14880/21 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Konklużjonijiet dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
Approvazzjoni 14862/21

4. Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021:
Konklużjonijiet
Skambju ta' fehmiet 13649/21

5. Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa
Informazzjoni mill-Presidenza

6. L-Istat tad-Dritt fil-Polonja/l-Artikolu 7(1) TUE - proposta motivata
Is-sitwazzjoni attwali

7. Il-valuri tal-Unjoni fl-Ungerija/l-Artikolu 7(1) TUE - proposta motivata
Is-sitwazzjoni attwali

8. Rapport mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali: Antisemitiżmu: ħarsa ġenerali lejn l-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-Unjoni Ewropea bejn l-2010 u l-2020
Preżentazzjoni

9. Semestru Ewropew 2022 - Pjan direzzjonali
Preżentazzjoni mill-Presidenza u mill-Presidenza li jmiss 13452/21

10. Programmazzjoni Leġiżlattiva: Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2022 ☐ 14779/21 + ADD 1
Approvazzjoni

Is-Servizz Legali tal-Kunsill iċċara li r-regola tal-votazzjoni fil-Kunsill għall-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2022 (dokument 14779/21), imsemmija fil-punt 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet hija maġġoranza kwalifikata msaħħa. Din hija r-regola tal-votazzjoni applikabli fil-Kunsill meta jikkonkludi ftehim interistituzzjonali skont l-Artikolu 295 TFUE.

Il-Kunsill approva d-Dikjarazzjoni Konġunta. L-Ungerija u l-Polonja vvutaw kontra u ppreżentaw dikjarazzjonijiet.

11. Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2022 - 30 ta' Ġunju 2023) ☐ 14441/21
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-programm ta' tmintax-il xahar.

L-Awstrija, il-Ġermanja u l-Lussemburgu ppreżentaw dikjarazzjoni.

12. Affarijiet oħra

☐ Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14879/21

Dwar il-punt "B"
nru 10:

Programmazzjoni Leġislattiva: Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2022
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija taqbel mal-objettiv li nkomplu niddefendu l-istat tad-dritt kif ukoll li niproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna madwar l-Unjoni u li niddefendu l-valuri komuni Ewropej tagħna.

Madankollu, f'konformità mal-pożizzjoni politika u ġuridika li ilha teżisti tal-Ungerija, nissottolinjaw li strument jista' jappoġġa t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fil-każ biss li jkun debitament ibbażat fuq it-Trattati u applikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi tad-dritt tal-Unjoni. L-applikazzjoni ta' strumenti eżistenti ma tistax twassal għal standards doppji u għandha tirrispetta kif xieraq il-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, it-trattament ugwali u l-fiduċja reċiproka kif ukoll is-sistemi kostituzzjonali, il-patrimonju ġuridiku u l-identità nazzjonali tal-Istati Membri kif previst fit-Trattati.

Il-valur tal-istat tad-dritt ma għandux jintuża biex issir pressjoni politika b'modi li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti bażiċi tal-istat tad-dritt infushom."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-Polonja taqbel mal-objettiv li nkomplu niddefendu l-istat tad-dritt kif ukoll li niproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna madwar l-Unjoni u li niddefendu l-valuri komuni Ewropej tagħna.

Madankollu, f'konformità mal-pożizzjoni politika u ġuridika li ilha teżisti tal-Polonja, nissottolinjaw li strument jista' jappoġġa t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fil-każ biss li jkun debitament ibbażat fuq it-Trattati u applikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi tad-dritt tal-Unjoni. L-applikazzjoni ta' strumenti eżistenti ma tistax twassal għal standards doppji u għandha tirrispetta kif xieraq il-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, it-trattament ugwali u l-fiduċja reċiproka kif ukoll is-sistemi kostituzzjonali, il-patrimonju ġuridiku u l-identità nazzjonali tal-Istati Membri kif previst fit-Trattati.

Il-valur tal-istat tad-dritt ma għandux jintuża biex issir pressjoni politika b'modi li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti bażiċi tal-istat tad-dritt infushom."

Dwar il-punt "B"
nru 11:

Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2022 - 30 ta' Ġunju 2023)
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-ĠERMANJA U L-LUSSEMBURGU

"Fil-kuntest tal-Kapitolu IV, it-tieni paragrafu tal-Programm tat-Triju, infakkru li aħna nirrifjutaw kull tip ta' appoġġ finanzjarju dirett jew indirett għall-enerġija nukleari mill-baġit tal-UE. Filwaqt li nirrikonoxxu d-dritt ta' kull Stat Membru li jiddetermina t-taħlita tal-enerġija tiegħu, aħna tal-fehma li l-appoġġ tal-UE għandu jkun dirett lejn l-enerġija rinnovabbli bħala l-aħjar mezz biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050."
